Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 59/2009

**Noel Marshall u Dorothy Marshall**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Noel Marhsall u Dorothy Marshall quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fil-5 ta' Lulju 2005, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitolbu li l-Likwidazzjoni mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond "Blue Lapine" Triq Birbal, Balzan, tigi: (i) ikkancellata stante li - a. in kwantu l-Likwidazzjoni inharget ai termini ta' l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, il-valur dikjarat huwa l-valur veru u reali tat-trasferiment u ghalhekk ebda taxxa u taxxa addizzjonali ma huma minnhom dovuti; b. in kwantu l-Likwidazzjoni inharget ai termini ta' l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ebda taxxa addizzjonali ma

hija dovuta stante li l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax f'tali cirkostanza; u (c) bla pregudizzju l-valur tal-proprjetà huwa dak dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment u l-istima maghmula mill-Kumissarju tat-Taxxi Interni hija zbaljata u mhux in konformità mal-provvedimenti tal-Ligi; jew alternattivament tigi: (ii) ridotta stante li l-istima maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija eccessiva;

Ra l-aggravju ulterjuri tar-Rikorrenti imressaq fis-6 ta' Ottubru 2011, fis-sens illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-kuntratt *de quo* sar fit-3 ta' Novembru 1999 u kemm id-decizjoni tal-Kummissarju ta' l-20 ta' Mejju 2005 kif ukoll dawn il-proceduri bdew aktar minn sentejn/hames snin wara, u li la d-decizjoni imsemmija u lanqas il-proceduri odjerni ma jinterrompu jew jissosspendu l-preskrizzjoni billi l-ebda wahda minnhom ma tikkwalifika bhala att idoneju li jinterrompi jew jissosspendi l-preskrizzjoni skond il-Kodici Civili, Artikolu 2127 et seq.;

Ra id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni relattiva ghall-Likwidazzjoni bin-Numru 39377, ossia l-Likwidazzjoni mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti, datata 20 ta' Mejju 2005 a fol. 1 sa' 3 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tat-30 ta' Mejju 2005, il-Likwidazzjoni tat-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti dwar trasferiment ta' immobbli lil Noel Marshall u Dorothy Marshall li avvera ruhu b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat datat 3 ta' Novembru 1999, hija gusta u timmerita konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 7 sa' 10 tal-process;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Noel Marshall moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2011[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "NM1" u Dok. "NM2" a fol. 16 sa' 23 tal-process, sema' x-xhieda tal-Perit Alan Saliba moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011[2], ix-xhieda ta' Ivan Portelli moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011[3] u x-xhieda tal-Perit Anthony Camilleri moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2012[4] u ra d-dokument esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Gunju 2012 markat Dok. "KTI" a fol. 58 u 59 tal-process;

Ra id-Digriet moghti waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2012 fis-sens illi in vista ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012 u l-Att XXII ta' l-2011, fir-Rikors promotur u fl-atti l-ohra kollha ta' dawn il-proceduri l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra r-Rapport tal-Membru Tekniku tat-Tribunal datat 2 ta' Mejju 2012 a fol. 62 u 63 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti a fol. 66 u 67 tal-process u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) a fol. 70 sa' 72 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'decizjoni moghtija fl-20 ta' Mejju 2005 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrifjuta l-oggezzjoni tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni bil-Kont Nru. 39377 mahruga fil-konfront taghhom in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond, konsistenti f'maisonette u garage sottostanti, 'Blue Lupine' Triq Birbal, Balzan, u ddecieda li *wherefore the Commissioner does not see any valid reason to cancel the assessment in question as desired by transferees and, in accordance with the provisions of Article 56(3) of the Duty on*

[1] Fol. 24 tal-process.
[2] Fol. 27 tal-process.
[3] Fol. 30 u 31 tal-process.
[4] Fol. 48 sa' 57 tal-process.

*Documents and Transfers Act (Cap.364), he does hereby determine the duty and additional duty payable by Noel Marshall and Dorothy Mrshall in respect of the aforesaid transfer to be Lm840 and Lm1,680 respectively, a total payable of Lm2,520.* In segwitu ghal dik id-decizjoni u senjatament fit-30 ta' Mejju 2005 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Notifika ta' Likwidazzjoni ohra fil-konfront tar-Rikorrenti bis-sahha ta' liema talab il-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm2,520 konsistenti fis-somma ta' Lm840 rapprezentanti taxxa dovuta fuq il-valur taxxabbli addizzjonali ta' Lm12,000 u fis-somma ta' Lm1,680 rapprezentanti taxxa addizzjonali/penali.

Ir-Rikorrenti hassewhom aggravati bid-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni w interponew l-appell odjern minnhom. B'dan l-appell ir-Rikorrenti jitolbu li l-Likwidazzjoni li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg fil-konfront taghhom tigi: (i) ikkancellata stante li a. in kwantu l-Likwidazzjoni inharget ai termini ta’ l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-valur dikjarat huwa l-valur veru u reali tat-trasferiment u ghalhekk ebda taxxa u taxxa addizzjonali ma huma minnhom dovuti; b. in kwantu l-Likwidazzjoni inharget ai termini ta’ l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ebda taxxa addizzjonali ma hija dovuta stante li l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax f’tali cirkostanza; u (c) bla pregudizzju l-valur tal-proprjetà huwa dak dikjarat fil-kuntratt ta’ trasferiment u l-istima maghmula mill-Kumissarju tat-Taxxi Interni hija zbaljata u mhux in konformità mal-provvedimenti tal-Ligi; jew alternattivament (ii) tigi ridotta stante li l-istima maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija eccessiva. Fis-6 ta’ Ottubru 2011 ir-Rikorrenti issollevaw aggravju (u mhux eccezzjoni kif minnhom indikat) ulterjuri fis-sens illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta’ taxxa u taxxa addizzjonali hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ai termini ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), da parte tieghu jikkontendi li d-decizjoni tieghu u konsegwenti Likwidazzjoni minnu mahruga fil-

konfront tar-Rikorrenti huma gusti u jimmeritaw konferma. Jissottometti wkoll li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti t-talba tieghu ghall-hlas ta’ taxxa u taxxa addizzjonali fl-ammont komplessiv ta’ Lm2,520 ma hijiex preskritta la ai termini ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u lanqas ai termini ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qabel ma jidhol fil-meritu tal-proceduri t-Tribunal iqis li jkun opportun li ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju ta’ dawn il-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti, sabiex jigu debitament riflessi l-partijiet li ghandhom interess f’din il-kawza u fir-rigward ta' min is-sentenza ghandha taghmel stat. Originarjament dawn il-proceduri kienu gew istitwiti fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda in segwitu ghall-promulgazzjoni ta’ l-Att XXII ta’ l-2011 u pubblikazzjoni ta’ l-Avviz Legali 16 ta’ l-2012, b’Digriet datat 8 ta’ Marzu 2012 saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi. Madanakollu però b’Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta’ Malta, ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta’ l-20 ta’ Lulju 2012, gie provdut illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-imsemmi Att, hawn aktar ‘il quddiem imsejhin “id-drittijiet”, kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta’ Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta’ Direttur Generali (Taxxi Interni). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b’sehh mill-20 ta’ Jannar 2012.*

Ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta *il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li id-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).* Mill-precitat Ordni però johrog car li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega din ir-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda fost ohrajn taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami *qua* l-awtorità pubblika intimata, illum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Taxxi Interni), b'dana li huwa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kummissarju tat-Taxxi.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.* B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" hija ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Fil-kaz in ezami però bid-Digriet tat-8 ta' Marzu 2012 l-intimat gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk il-principju ta' l-ekwivalenza appena imsemmi ma jistax jigi applikat. B'hekk sabiex dawn il-proceduri jkunu

effettivament jirriflettu l-partijiet li attwalment ghandhom interess fihom u jaghmlu stat fil-konfront ta' l-awtorità pubblika li ghandha tirrispondi ghat-talbiet tar-Rikorrent jehtieg li ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi kancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Sorvolata din il-kwistjoni t-Tribunal se jghaddi biex jittratta l-aggravji fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw l-Appell taghhom mid-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-20 ta' Mejju 2005 u fit-30 ta' Mejju 2005 rispettivament.

Fl-ewwel lok jigi osservat illi fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti jaghtu bhala wiehed mill-aggravji in bazi ghal liema jikkontestaw id-decizjoni tal-Kumissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghhom il-fatt li *with regard to Dorothy Marshall, the assessment in question is null and void as she was never notified with any of the relative documents*, izda imbaghad fit-talbiet taghhom jonqsu milli jressqu talba specifika relatata ma' dan l-aggravju partikolari imma jillimitaw ruhhom li jitolbu li il-Likwidazzjoni in kwistjoni **tigi kkancellata jew alternattivament ridotta** fid-dawl ta' aggravji relatati mal-valur tal-proprjetà u l-valur kif stmat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u in segwitu in bazi ghall-aggravju tal-preskrizzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk, fin-nuqqas ta' talba specifika marbuta ma' l-aggravju ta' l-allegata nullità tal-Likwidazzjoni in kwistjoni, Huwa prekluz milli jindirizza din il-kwistjoni partikolari.

Kif già osservat fis-6 ta' Ottubru 2011 ir-Rikorrenti ssollevaw aggravju ulterjuri fis-sens illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), fil-konfront taghhom hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma hemmx dubju li dan l-aggravju ulterjuri tar-Rikorrenti ghandu jigi indirizzat qabel ma jigi trattat il-mertu proprio ta' dan l-Appell.

In sostenn ta' dan l-aggravju r-Rikorrenti jissottomettu li *l-esponenti eccepixxa l-preskrizzjoni u dan stante l-fatt illi bejn meta sar il-kuntratt sa' meta hareg ir-rifjut ghaddew kwazi sitt snin u konsegwentement kwalsiasi pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar l-imsemmija taxxa u taxxa addizjonali/penali hija preskritta billi ghadda l-perjodu kemm dak stipulat fil-Kap.364 kif ukoll il-perjodu stipulat fl-Artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili*[5]. Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) da parte tieghu jikkontendi li dan l-aggravju tar-Rikorrenti ma ghandux jigi milqugha ghaliex kuntrarjament ghal dak minnhom pretiz it-talba tieghu fil-konfront taghhom ma hijiex preskritta la ai termini ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. In sostenn ta' dan id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jissottometti li *fir-rigward ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili u l-Artikolu 18 tal-Kap.364 imressqa mir-rikorrent, fl-ewwel lok jigi rilevat illi minn dawn iz-zewg artikoli imsemmija, semmai ghandu japplika l-Artikolu 18 tal-Kap.364, li huwa l-lex specialis applikabbli, liema artikolu jistipula li l-azzjoni ghall-gbir ta' kull penali imposta bis-sahha ta' dan l-Att ma tistax tigi ezercitata wara l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li jkun sar in-nuqqas. Illi f'dan ir-rigward, jigi sottomess bir-rispett li l-esponent ircieva l-avviz tat-trasferiment in kwistjoni fit-22 ta' Novembru 1999 u hareg il-likwidazzjoni tal-kont numru 39377 entro t-terminu ta' sena fl-10 ta' Lulju 2000, filwaqt li l-oggezzjoni tar-rikorrent inkitbet fis-17 ta' Lulju 2000 u l-avviz ta' rifjut tal-oggezzjoni inhareg fl-20 ta' Mejju 2005. Illi ghalhekk, ogni terminu applikabbli ghall-gbir ta' l-azzjoni kellu jibda jiddekorri minn Lulju 2000, u gjaladarba l-avviz ta' rifjut ta' l-oggezzjoni hareg entro hames snin minn din id-data, u gjaladarba l-proceduri quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali nbdew mir-rikorrent fil-5 ta' Lulju 2005, ma kien hemm l-ebda htiega ghall-esponenti li jezercita l-azzjoni ghall-gbir tat-taxxa u taxxa addizzjonali quddiem il-qrati civili. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, jigi umilment*

[5] Para. 3 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti, fol. 66 u 67 tal-process.

*sottomess illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mir-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt*[6].

Wara li qies sew l-import ta' l-aggravju ulterjuri sollevat mir-Rikorrenti t-Tribunal huwa ta' l-fehma li l-istess ma jistax u ma ghandux jigi milqugh. Jibda biex jigi osservat illi l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli ghall-kaz in ezami[7] jipprovdi li *salv kif mod iehor espressament provdut, l-azzjoni ghall-gbir ta' kull penali imposta bis-sahha ta' dan l-Att <u>ma tistax tigi ezercitata wara l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li jkun sar in-nuqqas</u>: Izda ma ghandu jsir ebda uzu minn xi dokument li fuqu t-taxxa li ghandha tithallas taht dan l-Att ma tkunx thallset kollha*. Kif gustament osservat mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu t-terminu ta' hames snin preskritt fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta beda jiddekorri mid-data tal-hrug ta' l-ewwel Notifika ta' Likwidazzjoni mibghuta lir-Rikorrenti u cioè mill-**10 ta' Lulju 2000**, stante li f'dik id-data giet ventilata l-pretensjoni tal-Kummissarju li kien hemm nuqqas da parte tar-Rikorrenti fl-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment relattiv ghall-akkwist tal-fond "Blue Lapine" Triq Birbal, Balzan. Id-decizjoni dwar ir-rifjut ta' l-oggezzjoni tar-Rikorrenti minn dik il-Likwidazzjoni inghatat fl-**20 ta' Mejju 2005** u in-Notifika ta' Likwidazzjoni in segwitu ghal dik id-decizjoni nharget fit-**30 ta' Mejju 2005** u cioè entro t-terminu ta' hames snin prefiss fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll li l-istess gew notifikati lir-Rikorrenti entro tali terminu ta' hames snin stante li l-istess Rikorrenti ipprezentaw l-Appell odjern fil-**5 ta' Lulju 2005**. B'hekk fiz-zmien meta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ressaq il-pretensjoni tieghu ghall-hlas tal-penali, ghaliex l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar il-penali, fil-konfront tar-Rikorrenti huwa kien ghadu ben entro t-terminu preskrittiv relattiv ghal tali pretensjoni.

[6] Para. 1 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), fol. 70 sa' 72 tal-process.
[7] Dan l-artikolu tal-Ligi gie emendat bis-sahha ta' l-Att III ta' l-2013, liema emenda ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm mill-atti processwali jirrizulta li d-dokumenti relattivi ghal dan il-kaz, inkluzi n-Notifika ta' Likwidazzjoni mahruga fl-10 ta' Lulju 2000, id-decizjoni ta' l-20 ta' Mejju 2005 u n-Notifika ta' Likwidazzjoni mahruga fit-30 ta' Mejju 2005, dejjem gew indirizzati lir-Rikorrent Noel Marshall biss, it-Tribunal ma ghandux l-icken dubju li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienet diretta anke fil-konfront ta' Dorothy Marshall, mart Noel Marshall, u dana b'mod partikolari stante li l-immobbli mertu ta' din il-kontestazzjoni gie akkwistat mill-**konjugi Marshall flimkien**. Dan ifisser ghalhekk illi t-terminu ta' hames snin preskritt fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Dorothy Marshall ukoll beda jiddekorri fl-10 ta' Lulju 2000 u fil-kaz taghha wkoll id-decizjoni ta' rifjut ta' l-oggezzjoni u n-Notifika ta' Likwidazzjoni nhargu u gew notifikati entro t-terminu ta' hames snin prefiss fil-Ligi. Ghalkemm jidher li n-Notifika ta' Likwidazzjoni mahruga fit-30 ta' Mejju 2005 giet indirizzata biss lir-Rikorrent Noel Marshall, l-Appell odjern gieipprezentat mill-konjugi Marshall flimkien u ghaldaqstant jigi li Dorothy Marshall tirrikonoxxi, ghall-finijiet ta' ezistenza u mhux ghall-finijiet ta' fondatezza in kwantu kontestata, il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghha u ghaldaqstant ma jistax jitqies li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), ghall-hlas tal-penali in kwantu diretta fil-konfront taghha hija preskritta.

In kwantu rigwarda l-preskrizzjoni invokata mir-Rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien jipprovdi li l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet giudizzjarji, dazju jew taxxa ohra huma preskritti bl-eghluq ta' sentejn, it-Tribunal josserva li dan il-provvediment tal-Ligi gie revokat bis-sahha ta' l-Artikolu 25 ta' l-Att VIII ta' l-2007. Dan ifisser ghalhekk li meta fis-**6 ta' Ottubru 2011** ir-Rikorrenti invokaw favur taghhom l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, in verità kienu qed jinvokaw provvediment tal-Ligi li ma ghadux in vigore. Fil-fehma tat-Tribunal dan il-fatt jipprekludih milli jiehu konjizzjoni ta' l-aggravju ulterjuri sollevat mir-Rikorrenti in kwantu bbazat fuq l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa minnu li fiz-zmien meta gie istitwit dan l-appell, u cioè fl-2005, dan il-provvediment tal-Ligi kien ghadu fis-sehh izda jigi ribadit li l-aggravju tal-preskrizzjoni in bazi ghall-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex sollevat fiz-zmien meta gie intavolat l-Appell jew ghall-inqas f'xi zmien qabel l-2007 izda gie sollevat biss meta l-imsemmi provvediment tal-Ligi ma baqax iktar fis-sehh. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti illi kieku r-Rikorrenti ssollevaw l-aggravju tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jew fiz-zmien meta intavolaw l-Appell odjern jew ta' l-inqas fi zmien qabel l-2007, ghaliex f'tali kaz minkejja li fil-mori jkun gie revokat l-imsemmi provvediment tal-Ligi ladarba invokat mill-parti kontendenti t-Tribunal ikun fid-dover u fl-obbligu li jikkonsidra u jiddetermina l-istess. Ghaldaqstant, jigi ribadit li t-Tribunal ghandu u bhala fatt qieghed jastejni milli jiehu konjizzjoni ta' l-aggravju ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrenti in kwantu bbazat fuq l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li fil-kuntest ta' l-aggravju ulterjuri minnhom sollevat ir-Rikorrenti jikkontendu li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Intenri fil-konfront taghhom hija llum fi kwalunkwe kaz preskritta stante li la d-decizjoni ta' l-20 ta' Mejju 2005 u lanqas il-proceduri odjerni ma jikkwalifikaw bhala att idoneju li jinterrompi jew jissosspendi l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2127 *et seq.* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal jinterpreta din il-pretensjoni tar-Rikorrenti fis-sens illi t-terminu preskrittiv invokat mir-Rikorrenti baqa', nonostante l-proceduri odjerni, ghaddej kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-konsegwenza li llum tali terminu ddekorra u skada ghal kollox. Fil-fehma tat-Tribunal però tali interpretazzjoni u konsegwenti pretensjoni tar-Rikorrenti hija ghal kollox guridikament zbaljata u konsegwentement inaccettabbli ghaliex tali interpretazzjoni effettivament tfisser li fl-eventawalità li proceduri bhal dawk odjerni jigu decizi favur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni xorta tibqa' l-possibilità li jkun prekluz milli jigbor il-hlas tat-taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali dovuta jekk il-procedura kollha relattiva ghall-kontestazzjoni ta' Likwidazzjoni kontemplata

fil-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta ddum ghaddejja iktar minn hames snin.

Fil-fehma tat-Tribunal minn ezami akkurat tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrizulta li d-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), li jiehu **azzjoni** fil-konfront tat-*taxpayer* ghall-gbir tat-taxxa dovuta skond l-imsemmi Att jiskatta biss una volta li l-Likwidazzjoni mahruga minnu fil-konfront tat-*taxpayer* issir finali u konklussiva stante li qabel tali stadju t-*taxpyaer* ghandu kull dritt jopponi ghal dik il-Likwidazzjoni u jipprova jottejni t-thassir jew ta’ l-inqas tnaqqis taghha[8]. Il-Likwidazzjoni ssir finali u konklussiva biss wara li jiddekorri inutilment it-terminu koncess lit-*taxpayer* biex joggezzjona u/jew jappella minnha jew kemm-il darba jsir tali appell, wara li l-kwistjoni tigi finalment determinata mit-Tribunal u qablu mill-Bord ta’ Kummissarji Specjali u/jew il-Qorti ta’ l-Appell skond il-kaz u dan skond l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dana jfisser ghalhekk li t-terminu preskrittiv vis-à-vis l-azzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), biex jigbor il-hlas tat-taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali dovuta skond il-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta jibqa’ sospiz sakemm ma jiskadux it-termini li jirrendu dik il-Likwidazzjoni finali u konklussiva. Konferma ta’ din l-osservazzjoni tinsab fl-Artikolu 2125(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li *l-preskrizzjoni hija wkoll sospiza – (c) kwantu ghal kull azzjoni ohra li l-ezercizzju taghha hu sospiz bi zmien, sakemm jaghlaq dan iz-zmien*.

Il-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi diversi termini ohra li jistghu jimpingu fuq il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), fil-konfront ta’ *taxpayer* bhal ad ezempju t-terminu previst fl-Artikolu 52(5) ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, izda dawk it-termini ma gewx invokati mir-Rikorrenti u ghalhekk ma humiex meritu ta’ din id-decizjoni. B’hekk thares minn fejn thares lejn l-aggravju ulterjuri sollevat mir-Rikorrenti kjarament jirrizulta li l-istess ma jistax jigi milqugh.

[8] Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigu trattati l-aggravji l-ohra fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw l-Appell taghhom mill-Likwidazzjoni mahruga kontrihom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ir-Rikorrenti essenzjalment jikkontendu li l-valur ta' Lm40,000 minnhom dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat datat 3 ta' Novembru 1999 ghall-akkwist tal-*maisonette* bl-isem "Blue Lapine" Triq Birbal, Balzan, bil-garage inkluz, huwa l-valur reali ta' dik il-proprjetà u konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma setax u ma kellux japplika l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u wisq inqas l-Artikolu 52(4) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfron taghhom u b'hekk jimponi fuqhom il-hlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali/penali in konnessjoni ma' dak l-akkwist. In sostenn tal-pretensjoni taghhom ir-Rikorrenti pprezentaw rapport tal-Perit Alan Saliba[9], minnu debitament ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011[10], minn liema jirrizulta li l-imsemmi Perit wara li ha diversi fatturi in konsiderazzjoni ikkonkluda li *il-lok fejn tinsab din il-proprjetà u kif ukoll il-valur tal-proprjetà fis-sena 1999, nistma din il-proprjetà bhala libera u franka fl-ammont ta' hamsa u disghin elf Euro (€95,000)* – ekwivalenti ghal **Lm40,783.50**.

Da parte tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jikkontendi li l-valur reali tal-proprjetà in kwistjoni huwa ta' **Lm52,000** u dana skond stima li ghamel il-Perit Anthony Camilleri wara li kien acceda fil-proprjetà imsemmija. B'konferma ta' dan id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ressaq bhala xhud lill-imsemmi Perit Camilleri[11], li kkonferma l-istima tieghu, u esebixxa l-istess imsemmija stima bhala Dok. "KTI" a fol. 59 tal-process.

Ai termini tar-Regolament 3 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Legislazzjoni Sussidjarja

---

[9] Dok. "NM2" a fol. 23 tal-process.
[10] Fol. 27 tal-process.
[11] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, fol. 48 sa' 57 tal-process.

364.06, u dana kif applikabbli anke fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, *il-valur ta' kull proprietà soggetta ghat-taxxa skond l-Att, mghoddija bi trasferiment inter vivos jew causa mortis, ghandu jkun il-valur ta' dik il-proprjetà fid-data tat-trasferiment inter vivos imsemmi jew fid-data tal-mewt tal-persuna li minnha jkun origina t-trasferiment causa mortis, skond il-kaz, (hawnhekk izjed 'l quddiem imsejjha 'id-data rilevanti') u dak il-valur ghandu jigi stabbilit skond dawn id-disposizzjonijiet. Il-valur tal-proprjetà assoluta ta' kull proprjetà fid-data rilevanti ghandu jkun il-prezz medju li dik il-proprjetà kienet iggib li kellha tinbiegh fis-suq liberu f'dik id-data, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha li jolqtu dik il-proprjetà*[12]*….* Fil-fehma tat-Tribunal il-qofol tal-kwistjoni jinsab proprio f'din l-ahhar bicca tas-silta mir-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 364.06 appena citata. Dak li jrid jigi Minnu determinat huwa s-segwenti: tenut kont tac-cirkostanzi kollha li jolqtu l-proprjetà akkwistata mir-Rikorrenti, x'kien il-valur reali taghha fiz-zmien ta' l-akkwist?

Mix-xhieda moghtija mill-Perit Alan Saliba[13] u mix-xhieda moghtija mill-Perit Anthony Camilleri[14] jirrizulta immedjatament evidenti li l-Perit Saliba ha in konsiderazzjoni fattur partikolari li l-Perit Camilleri jidher li ma kkunsidrahx b'daqshekk reqqa, u cioè li l-proprjetà akkwistata mir-Rikorrenti ma tizbokkax fuq triq pubblika, ossia fuq Triq Birbal, izda taghti ghal fuq *drive-in* privat.

F'dan ir-rigward il-Perit Saliba xehed illi *nispjega li ghalkemm il-fond huwa indikat li jinsab fi Triq Birbal fil-verità dan jinsab fid-drive tal-karozzi 'l gewwa. Huwa d-drive li jizbokka fi Triq Birbal u mhux il-bieb tal-fond. Jiena dan il-fatt hadtu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' l-istima tieghi. Id-drive in kwistjoni mhuwiex tal-fond fih innifsu izda huwa an internal room illi sservi ghal numru ta' garaxxijiet*. Fir-rigward ta' l-istess kwistjoni l-Perit Camilleri ddikjara li ma jiftakarx sew jekk sottopost ghall-proprjetà in kwistjoni kienx hemm numru ta' garages: *qed nitkellmu fuq kaz tat-2000, jien mort narah f'April tat-2000 jigifieri u*

[12] Sottolinear tat-Tribunal.
[13] Seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011, fol. 27 tal-process.
[14] Seduta tat-28 ta' Mejju 2012, fol. 48 sa' 57 tal-process.

*ma nistax nghid li niftakar il-proprjetà nnifisha jew inkella l-garaxxijiet ta' taht*. In risposta ghall-mistoqsija ta' l-Avukat tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) *inti ma tiftakarx jekk inti l-fatt li din il-proprjetà qeghda mibnija fuq numru ta' garages setghetx affetwatek lilek meta gejt biex taghti l-valur taghha?* il-Perit Camilleri rrisponda *ma nahsibx le, ma niftakrax li in-numru ta' garaxxijiet u ma nahsibx li effettwani, li nista' nghid huwa li jien hadt into konsiderazzjoni l-qisien tal-maisonette innifisha, il-kmamar li ghandu it-terrazzin ta' wara u l-fatt li ghandu l-arja inkluza fil-proprjetà innifisha. L-arja naghtuha valur ahna ghax tista' din tizviluppaha jigifieri. Hemm mezz biex taghmel access ghaliha wkoll kif inhu qieghed it-tqassim u dan wiehed jista' facilment jaqbad il-park ta' quddiem u jaghmel tarag komuni li jibqa' tiela ghal fuq, mela l-maisonette ha jkollu bieb ghalih u t-tarag il-gdid ikun iservi ghall-flats ta' fuq, ghall-appartamenti ta' fuq jigifieri dawn l-affarijiet ahna niehdu in konsiderazzjoni anki l-possibilitajiet li jigi zviluppat u ghaldaqstant jittiehed beneficcju mill-proprjetà u l-arja f'daqqa*, izda imbaghad fuq domanda tal-Membru Tekniku tat-Tribunal – *imma tajt kaz illi l-proprjetà qeghda fuq numru ta' garaxxijiet u thares fuq internal development jigifieri li l-proprjetà ma ghandhiex faccata. Fil-fatt il-proprjetà qeghda tnax-il metru 'l gewwa mit-triq. Qeghda f'dak li nghidulu alley, sqaq, ghax inti semmejt li tajt kaz il-kobor, tajt kaz hafna affarijiet imma li qeghda fi sqaq u li qeghda thares fuq garaxxijiet u kulhadd jidhol u johrog minnha tajt kasha?* il-Perit Camilleri rrisponda *ili erbatax-il sena naghmilhom dawn il-valutazzjonijiet u rajt kull tip ta' proprjetà u nista' nghidlek li kull meta mmur nara proprjetà jien, niehu in konsiderazzjoni hafna aspetti, ma nistax niktibhom kollha u jekk din hija aspett tant ovvju li din qeghda rtirata mit-triq, naccertak li jien hadtha in konsiderazzjoni, ma nistax nikteb hawn jien kollox ghax kieku nispicca nikteb volum shih, imma zgur li hadtha in konsiderazzjoni haga ovvja bhal dik.* Ghar-rimarka ulterjuri tal-Membru Tekniku tat-Tribunal *ovvja imma kollega, semmejt hafna affarijiet u ma ktibthiex fil-valur tieghek li kienet daqshekk importanti, il-ghaliex jiena nistma proprjetà mat-triq Birbal Street u nistma proprjetà go sqaq f'Birbal Street huma affarijiet differenti, kont nippretendi li tiktibha*, il-Perit Camilleri

rrisponda *jiena li nista' nghid huwa dan li ahna l-proprjetà jigifieri niehdu in konsiderazzjoni kollox specjalment il-faccata u kif tkun irtirata anke l-potenzjal ta' zvilupp anke xi zvantaggi li jista' jkun hemm fil-proprjetà ghaliex le, jigifieri fifty two thousand liri maltin*.

It-Tribunal ma huwiex affattu konvint mill-fatt li l-Perit Camilleri effettivament ha din ic-cirkostanza partikolari in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni tieghu, anzi huwa tal-fehma li din ic-cirkostanza partikolari giet kompletament injorata mill-Perit Camilleri bil-konsegwenza ghalhekk li ma jistax jinghad li l-istima li huwa ghamel tal-proprjetà akkwistata mir-Rikorrenti effettivament tirrapprezenta l-valur reali ta' dik il-proprjetà fiz-zmien ta' l-akkwist. Din il-fehma tat-Tribunal hija msahha minn dak li jirrizulta mir-Relazzjoni tal-Membru Tekniku l-istess Tribunal, il-Perit Mannie Galea, a fol. 62 u 63 tal-process. Fl-imsemmija Relazzjoni l-Perit Galea ikkonkluda li *wara li hadt in konsiderazzjoni tal-kejl, karatteristici arkitettonici u l-post fejn tinsab il-proprjetà, nistma l-valur ta' din il-proprjetà fis-sena 1999, bhala libera u franka ghall-ammont €97,500 (seba' u disghin elf u hames mitt Euro)* – ekwivalenti ghal Lm41,856.75, liema valur huwa ferm vicin kemm il-valur stmat mill-Perit Alan Saliba, li ha in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-mezzanin gie akkwistat bl-arja tieghu, kif ukoll il-valur dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk il-valur reali tal-proprjetà akkwistata mir-Rikorrenti bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat datat 3 ta' Novembru 1999 huwa iktar qrib il-valur dikjarat ta' Lm40,000 milli l-valur ta' Lm52,000 kif stamt mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Meta l-prezz dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment jigi ikkunsidrat fid-dawl tal-valuri stmati kemm mill-Perit Saliba kif ukoll mill-Perit Mannie Galea, liema valuri kif inghad jirrispekkjaw il-valur reali tal-proprjetà fiz-zmien ta' l-akkwist, jirrizulta evidenti li l-prezz dikjarat ma huwiex inqas minn 85% tal-valur reali tal-proprjetà fiz-zmien ta' l-akkwist u ghalhekk ma hemmx lok ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u ma tistax tigi imposta taxxa pura ulterjuri fuq ir-Rikorrenti. It-Tribunal

huwa tal-fehma li la l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zminijiet rilevanti ghal dan il-kaz u lanqas l-Artikolu 10 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikaw ghall-kaz in ezami u ghaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellu l-ebda dritt li jimponi xi forma ta' taxxa addizzjonali jew penali fuq ir-Rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-aggravji fil-mertu sollevati mir-Rikorrenti huma gustifikati u b'hekk jisthoqq li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan l-Appell billi:

1. Fl-ewwel lok jordna korrezzjoni fl-okkju tal-proceudri u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi d-desinjazzjoni “Kummissarju tat-Taxxi” tigi ikkancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni “Direttur Generali (Taxxi Interni)”;
2. Jichad l-aggravju ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrenti; izda
3. Jilqa' l-aggravji fil-mertu sollevati mir-Rikorrenti u ghalhekk jilqa' l-appell taghhom mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 20 ta' Mejju 2005 u l-Likwidazzjoni bil-Kont Numru 39377 u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-imsemmija decizjoni u Likwidazzjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------